# L-Erbatax-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Ara, is-sultan tiegħek ġej għandek ġust u rebbieħ.*

Żakk 9, 9-10

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Żakkarija**

Dan jgħid il-Mulej: 9«Ifraħ kemm tiflaħ, bint Sijon,
għajjat bil-ferħ, bint Ġerusalemm!

Ara, is-sultan tiegħek ġej għandek;
ġust u rebbieħ,
umli u riekeb fuq ħmar,
fuq felu ta' ħmara.

10Hu jeqred il-karru minn Efrajm
u ż-żiemel minn Ġerusalemm;
jinqered il-qaws tal-gwerra.
Hu jxandar il-paċi lill-ġnus,
il-ħakma tiegħu tkun minn baħar sa baħar,
u mix-xmara ta' l-Ewfrat sat-trufijiet.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 144 (145), 1-2.8-9.10-11.13cd-14

R/. (1): Mulej, inbierek ismek għal dejjem

1 Ħa nkabbrek, Alla tiegħi, sultan,
u nbierek ismek għal dejjem ta' dejjem.
2 Kuljum irrid inbierkek,
u nfaħħar ismek għal dejjem ta' dejjem. R/.

8 Twajjeb u ħanin il-Mulej,
idum biex jagħdab u kollu tjieba.
9 Twajjeb ma' kulħadd il-Mulej,
tjubitu fuq kull ma għamel. R/.

10 Kull ma għamilt iroddlok ħajr, Mulej;
iberkuk il-ħbieb tiegħek kollha.
11 Is-sebħ tas-saltna tiegħek ixandru,
fuq is-setgħa tiegħek jitkellmu. R/.

13 Ta' kelmtu l-Mulej fil-wegħdiet tiegħu kollha,
twajjeb f'dak kollu li għamel.
14 Iwieżen il-Mulej lil kull min se jaqa',
iqajjem lil kull min hu mitluq. R/.

# Qari II

*Jekk tmewtu bl-Ispirtu l-għemil tal-ġisem, tgħixu.*

Rum 8, 9.11-13

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, [9]intom ma intomx taħt il-ħakma tal-ġisem, imma ta' l-Ispirtu,
ladarba hemm l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom. Jekk xi ħadd ma
għandux fih l-Ispirtu ta' Kristu, dan m'huwiex tiegħu. [11]Jekk l-Ispirtu
ta' dak li qajjem lil Ġesù mill-imwiet jgħammar fikom, Alla stess li
qajjem lil Kristu mill-imwiet iqajjem għall-ħajja wkoll il-ġisem mejjet
tagħkom, bis-saħħa ta' l-Ispirtu li jgħammar fikom.

[12]Hekk mela, ħuti, aħna m'aħniex midjunin mal-ġisem biex ngħixu
skond il-ġisem. [13]Għax jekk tgħixu skond il-ġisem, tmutu; imma jekk
tmewtu l-għemil tal-ġisem bl-Ispirtu, tgħixu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mt 11, 25

Hallelujah. R/. Hallelujah
Infaħħrek, Missier, Sid is-sema u l-art,
għax inti dawn il-ħwejjeġ tas-Saltna wrejthom liċ-ċkejknin.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

*Jien ta' qalb ħelwa u umli.*

Mt 11, 25-30

**Qari mill-Evanġelju skond San Mattew**

F'dak iż-żmien Ġesù qabad u qal: [25]«Infaħħrek, Missier, Sid is-sema
u l-art, għax inti dawn il-ħwejjeġ ħbejthom lil min għandu l-għerf
u d-dehen u wrejthom liċ-ċkejknin. [26]Iva, Missier, għax lilek hekk
għoġbok. [27]Kollox kien mogħti lili minn Missieri, u ħadd ma jagħraf
lill-Iben jekk mhux il-Missier, kif ħadd ma jagħraf lill-Missier jekk
mhux l-Iben u dak li lilu l-Iben irid jgħarrafhulu.

[28]Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena
nserraħkom. [29]Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni,
għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal
ruħkom. [30]Għax il-madmad tiegħi ħelu u t-toqol tiegħi ħafif.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu